

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1396/2007**tat-28 ta' Novembru 2007**

li jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1975/2006 li jistipula r-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, rigward l-implementazzjoni tal-proċeduri ta' kontroll kif ukoll kundizzjonalità fir-rispett ta' miżuri ta' appoġġ ta' l-iżvilupp rurali.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ta' l-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRG) ⁽¹⁾ (titlu mhux uffiċjali), u b'mod partikolari l-Artikoli 51(4), tiegħu,

Billi:

- (1) Sar żball amministrattiv fiż-żmien ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1975/2006 ⁽²⁾, li b'riżultat tiegħu, il-perċentwal ta' l-ghajjnuna li jista' jitħallas wara t-tmiem tal-kontrolli amministrattivi kien stabbilit għal 70 % minflok 75 % kif kien oriġinalment maħsub.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1975/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

- (3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Rurali

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1975/2006, "70 %" għandu jinbidel b' "75 %".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għall-appoġġ Komunitarju rigward il-perjodu ta' programmar li jibda mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Novembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1. Ir-Regolamenti kif emendati l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2012/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 8).

⁽²⁾ ĠU L 368, 23.12.2006, p. 74.